**Il-Ħadd 15 ta' Frar - Tħabbira tar-Randan Imqaddes**
Fil-quddies kollu, tinqara l-Ittra Pastorali tar-Randan bi tħejjija għall-Għid il-Kbir.

**L-Erbgħa 18 ta' Frar – Ras ir-Randan**
Jum ta' Sawm u Astinenza. Is-sawm huwa obligatorju għall-persuni bejn it-18 u 59 sena filwaqt li l-astinenza hija obligatorja għal dawk minn 14-il-sena 'l-fuq. Ma jiswiex laħam.

**6.00pm** Meditazzjoni tal-Via Sagra u Barka Sagramentali
**6.45pm** Quddiesa solenni mmexxija mir-Rettur Dun Anton Refalo bir-rit tat-tqegħid tal-irmied, li biha nibdew it-tħejjija tagħna għal festa tal-Għid. Kulħadd għandu jattendi għal din iċ-ċelebrazzjoni, b'mod speċjali t-tfal, studenti u ġenituri.

## Talb tas-Salmi tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum

**It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa tal-ġimgħat kollha tar-Randan fil-5.30 am**
**Talb tas-Salmi tal-Ħdud tar-Randan - Kull nhar ta' Ħadd**

**4.00pm** Ftuħ tal-Espozizzjoni Ewkaristika
**4.30pm** Kant tas-Salmi tal-Għasar
**5.00pm** Tkompli l-Adorazzjoni fis-silenzju
**6.45pm** Barka sagramentali

## Katekeżi għat-tfal

**6.30pm** Kull nhar ta' Tnejn quddiesa kateketika fil-Knisja Bażililka minflok id-duttrina.
**6.30pm** Kull nhar ta' Erbgħa quddiesa u wara issir il-Meditazzjoni tal-Via Sagra għat-tfal fil-Knisja tan-Nazzarenu.

## Meditazzjoni u Adorazzjoni tas-Salib - Kull nhar ta' Ħamis

**Il-Ħamis 19 ta' Frar**
**7.00pm** Meditazzjoni: Ġesù ikkonfortat mill-anġlu fl-Ort tal-Ġetsemani

**Il-Ħamis 26 ta' Frar**
**7.00pm** Meditazzjoni: Ġesù marbut mall-kolonna u fflaġellat

**Il-Ħamis 19 ta' Marzu: Festa liturġika ta' San Ġużepp**
**6.00pm** Meditazzjoni tal-Via Sagra u barka sagramentali
**6.30pm** Quddiesa Solenni bil-prietka

**Il-Ħamis 26 ta' Marzu**
**7.00pm** Meditazzjoni: Ġesù mgħobbi s-salib

## Devozzjoni lejn Marija Addolorata - Kull nhar ta' Ġimgħa

**Il-Ġimgħa 13 ta' Frar**
**3.30pm** Siegħa ma' Marija Adolorata: Nikkontemplaw l-Ewwel Dulur: Il-Profezija ta' Xmun.

**Il-Ġimgħa 20 ta' Frar**
**3.30pm** Siegħa ma' Marija Adolorata: Nikkontemplaw it-Tieni Dulur: Il-Ħarba lejn l-Eġittu

**Il-Ġimgħa 27 ta' Frar**
**3.30pm** Siegħa ta' talb ma Marija Adolorata: Nikkontemplaw it-Tielet Dulur: Marija titlef lil Binha Ġesù u wara tlett t'ijiem issibu jgħallem fit-Tempju.

**Il-Ġimgħa 6 ta' Marzu**
**3.30pm** Siegħa ta' talb ma' Marija Adolorata: Nikkontemplaw ir-Raba Dulur: Marija Santissima timxi wara Binha Ġesù tiela l-Kalvarju mgħobbi bis-salib għal dnubietna.

**Il-Ġimgħa 13 ta' Marzu**
**3.30pm** Siegħa ta' talb ma' Marija Adolorata: Nikkontemplaw il-Ħames Dulur: Marija Santissima fuq il-Kalvarju rat lil Binha msallab bejn żewġ ħallelin u wara tlett sigħat agunija miet.

**Il-Ġimgħa 20 ta' Marzu**
**3.30pm** Siegħa ta' talb ma' Marija Adolorata: Nikkontemplaw is-Sitt Dulur: Marija Santissima fuq il-Kalvarju rat lil Binha Ġesù msallab bejn żewġ ħallelin u wara tliet sigħat agunija miet.

## Festa ta' Marija Adolorata

**Il-Ġimgħa 27 ta' Marzu: Festa tad-Duluri**
**3.30pm** Siegħa ta' talb ma' Marija Adolorata. Nikkontemplaw is-Seba' Dulur: Marija Santissima tilqa' għandha lil Ġesù mejjet.
**5.00pm** Quddiesa Solenni bil-prietka fin-Nazzarenu.
**6.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni fil-Knisja Bażilika mmexxija minn Mons Arċipriet Carmelo Refalo.
**7.00pm** Purċissjoni mill-Bażilika bl-istatwa devota ta' Marija Adolorata bis-sehem tal-Banda Victory.

## Adorazzjoni Ewkaristika

It-Tlieta u l-Ġimgħa mit-3.00pm sas-6.30pm

Fil-Ħdud tar-Randan mill-4.00pm sas-6.45pm

## Irtir Parrokkjali bi tħejjija għar-Randan

**4.30pm - 6.30pm** Nhar il-Ħadd 22 ta' Frar ser isir Irtir Parrokkjali f'Ta' Pinu bi tħejjija għar-Randan u l-Għid Imqaddes. Membri tal-Għaqdiet, Kommunitajiet Ewkaristiċi, saċerdoti, reliġjuzi, persuni ikkonsagrati u l-membri tal-kommunità parrokjali huma mħeġġa jattendu.

## Pelegrinaġġ tar-Randan

Il-Ġimgħa 6 ta' Marzu: L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar

**6.00pm** Quddiesa konċelebrata fil-Knisja ta' Ġesù Nazzarenu u wara pelegrinaġġ bix-xbieha devota ta' Ġesù Redentur minn Nazzarenu għall-Knisja Bażilika. Mal-wasla fil-Knisja tingħata l-barka sagramentali.

## Ezerċizzi tar-Randan

***Għal kulħadd fin-Nazzarenu***
**Mit-Tnejn 2 ta' Marzu sal-Ġimgħa 6 ta' Marzu**
Predikatur: Arċ. Carmelo Mercieca

***Għall-adoloxxenti u ż-żgħażagħ***
**Mit-Tnejn 23 ta' Marzu sal-Ħamis 26 ta' Marzu**
Predikatur: Dun Ġwann Sultana

***Għall-Miżżewġin fil-Knisja Bażilika***
**Mit-Tnejn 9 ta' Marzu sal-Ġimgħa 13 ta' Marzu**
Predikatur: Patri Philip Cutajar

## Apuntamenti speċjali matul ir-Randan

Il-quddiesa ta' kuljum: Inħeġġu lil kulħadd biex jipparteċipa fl-Ewkaristija ta' kuljum

### *Nitlob bis-Salmi*

Kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa fil-5.30am
Kull nhar ta' Ħadd fl-4.30pm

### *Il-Via Sagra*

Matul il-ġranet tar-Randan fis-6.00pm
issir il-meditazzjoni komunitarja tat-Triq tas-Salib

### *Pelegrinaġġi Penitenzjali*

Purċissjoni ta' Ġesù Redentur
Purċissjoni tad-Duluri

# Programm
## TAR-RANDAN MQADDES
### KNISJA NAZZARENU 2015

